# *B'radd ta' ħajr lejn il-fundaturi tal-Kumitat f'għeluq Erbgħin Sena mit-twaqqif tiegħu 1970 - 2010*

Nut. Dott. Malcolm Camilleri B.A. LL.D

Kien fis-sena 1970 meta l-mibki Kappillan il-Kanoniku Dun Ġużepp Theuma ġie mnebbaħ sabiex iwaqqaf kumitat illi kellu jieħu ħsieb il-preparamenti għaċ-ċelebrazzjonijiet li saru fl-1971 fil-festi ċinkwantinarji tal-Parroċċa tal-Gżira fdata taħt il-ħarsien tal-Madonna Sultana tal-Karmelu.

L-iskop ta' dan il-ħsieb qasir tiegħi huwa li nirringrazzja lill-predeċussuri tagħna talli kienu waqqfu dan il-kumitat, fil-qosor nsemmi xi ġrajjiet u kurżitajiet illi sawru l-istorja tal-Kumitat Festi Esterni f'dawn l-aħħar erbgħin sena. Sabiex inkun nista' nikteb dan l-artikllu staqsejt lis-Sur Charles Spiteri jekk kienx dispost jaqsam miegħi l-esperjenża tiegħu fil-Kumitat Festi Esterni. Is-Sur Spiteri laqa' l-istedina tiegħi b'ferħ u grazzi għalih stajt nikteb dawn il-kelmtejn.

Is-Sur Charles Spiteri daħal membru fil-Kumitat Festi Esterni fis-sena 1981-1982, għalkemm kien diġa' involut b'mod ferm impenjattiv fil-festa ta' Kristu Irxoxt. Hu tkellem fuq it-twaqqif tal-Kumitat Festi Esterni fis-sena 1970 meta il-mibki Kappillan, il-Kanoniku Ġużepp Theuma, kien qed jaħseb sabiex iħejji ċelebrazzjonijiet kbar biex ifakkru il-ħamsin sena mit-twelid tal-Parroċċa tal-Gżira. Kien għalhekk illi gie mwaqqaf dan il-kumitat li matul iż-żmien ra bosta membri jissieħbu fih. Il-Festi ~inkwantinarji tas-sena 1971 kienu tassew kbar. Matul dik is-sena il-kumitat organizza gimgħa sħiħa ta' programmi ta' marċijiet fit-toroq, logħob tan-nar tal-art u tal-ajru, kif ukoll kien iżżanżan armar ġdid fit-toroq tal-Gżira.

L-Ewwel Kumitat tal-Festa żgur ser jibqa' mfakkar għall-impenn illi huwa wera sabiex il-festi Ċinkwantinarji tal-Parroċċa jibqgħu fil-memorja tal-ħafna Gżirjani li għexuhom. Matul is-snin ta' wara, il-Kumitat tal-Festa kien jaħdem sabiex jiġbor il-fondi neċessarji ħalli tigi ċċelebrata il-festa tal-Parroċċa ta' kull sena. Din dejjem giet iċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Lulju, data qrib il-grajja tat-tfiegħ tal-ġebla lill-Inkwadru tal-Madonna fil-lejl tal-10 ta' Lulju 1902.

Fl-imgħoddi, il-festi esterni tal-Parroċċa, kienu jingħataw bidu fl-aħħar jum tat-tridu. Kienu jindaqqu programmi ta' marċijiet matul it-toroq. Dawn kienu jkomplu matul il-jiem tas-sibt f'lejliet il-Festa kif ukoll il-Ħadd f'jum il-Festa. Il-Banda illi kienet takkompanja l-Madonna matul il-purċissjoni kienet sa mil-bidu titħallas mil-knisja. Fatt kurjuż huwa, li l-Kumitat Festi Esterni kien iħallas terz ta l-ispejjeż tal-baned, fiwaqt illi l-Banda Mount Carmel kien tħallas il-kumplamanet tal-ispejjeż.

Lejn l-aħħar ta' snin sebgħin il-Kumitat tal-festa tal-Kappillan Theuma ra tibdil fil-membri tiegħu u l-Kumitat tal-Festa kien nieqes mil-element żagħżugħ. Is-Sur Spiteri irrakontali li fl-Imgħoddi l-armar tat-toroq ma kienx isir mil-membri tal-Kumitat tal-Festa, iżda kull triq tal-Paroċċa kien ikollha l-grupp tagħha tal-armar u t-toroq kienu jintramaw b'mod mil-isbaħ bil-pavaljuni, bandalori u liedna tal-karti. Kienet teżisti ftit tal-pika bejn il-gruppi tat-toroq. Dan wassal sabiex l-armar fit-toroq jiżdied. Ir-residenti kienu jikkompetu għall-isbaħ triq.



Il-Bidu tas-snin tmenin raw lil-Kappillan Dun Walter Cauchi jibda l-ħidma tiegħu pastorali tal-Parroċċa. Sabiex wieħed ikun jista' jifhem it-tibdil illi seħħ fil-Kumitat tal-Festa wara l-miġja tal-Kappillan il-ġdid, wieħed irid jiftaħ ftit ta' parentesi fuq l-isfond tal-ġrajjiet marbutin mal-festa ta' Kristu Irxoxt. Ma kinitx l-intenzjoni tiegħi li nitkellem fuq l-istorja tal-Purċissjoni ta' Kristu Rxoxt, iżda teżisti rabta kbira bejn il-Festa ta' Kristu Irxoxt u t-tibdil illi għadda minnu l-Kumitat tal-Festa bil-bidu tas-snin tmenin. Nibda billi nagħmel referenza għall-fatt kurjuż illi rrakontali is-Sur Charles Spiteri. Sas-sena 1981 ma kienx għadu jifforma parti mil-Kumitat tal-Festa. Kienet is-sena 1978 meta l-Kappillan, il-Kanoniku Dun Ġużepp Theuma, kien żar wirja ta' statwetti tal-Ġimgħa l-Kbira mtella' minn Charles Spiteri stess. Dan kien kellem il-kappillan fuq ix-xewqa tiegħu illi tibda tinħareg l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, diġa' eżistenti. Din segħtet tkun akkumpanjata f'purċissjoni mill-membri tal-kleru u tal-banda tal-lokal nhar il-Festa tal-Għid. Il-Kappillan Theuma ma tantx wera ruħhu entużjast għal din l-ideja iżda wara ħafna perseveranza mis-Sur Spiteri u l-mibki Pawlu Pantalleresco, u bil-kunsens tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi l-ewwel purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt ħarġet mil-knisja parrokkjali tal-Gżira nhar l-Għid il-Kbir tas-sena 1980 . Fl-Għid il-Kbir tas-sena 1984 ġiet imżanżna statwa ġdida ta' Kristu Rxoxt, liema statwa għada tinħareġ sa llum il-ġurnata. Din il-vara nħadmet mil-Iskultur Alfred Camilleri Cauchi u l-benefattur ta' din l-istatwa l-ġdida kien is-Sur Charles Spiteri. Hawn nerga' nagħlaq il-parentesi fuq it-twelid tal-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt. Huwa l-ħsieb tiegħi illi nitkellem f'aktar dettal fuq dan is-suġġett fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-fuljett.

Issa ġara, li mal-miġja tal-kappillan Dun Walter Cauchi, il-grupp ta' nies illi kienu jieħdu ħsieb jorganiżżaw il-festa esterna ta' Kristu Irxoxt, imtela' b'għad ġmielu ta' żgħażagħ. Dawn ġew mħajjra mill-Kappillan biex jissieħbu fil-Kumitat Festi Esterni ħalli b'hekk ikun kumitat wieħed illi jorganiżża l-festa Titulari u dik ta' Kristu Rxoxt. Dan il-Kumitat ġie mwaqqaf fl'1981/1982 u kien immexxi mill-istess Kappillan, bl–uffiċjali tal-Kumitat ikunu is-Sur Charles Spiteri nnifsu bħala Chairman, il-mibki Carmelo Chircop fil-kariga ta' Segretarju, u l-mibki Manuel Cassar teżorier. Iż-żgħażagħ taw nifs ġdid lill-kumitat. Mimlija ħeġġa u entużjażmu ħadmu sabiex isir armar ġdid fosthom pavaljuni ġodda f'toroq bħal Triq il-Kappillan Dun Karlu Manche', Triq Sir William Reid, Triq Cameron, Triq Manoel. Ingħata bidu għal-ġbir mid-djar tar-residenti bl-envelopes bid-donazzjonijiet għall-festa. Is-Sur Spiteri rrakontali fuq qbil illi ikien sar mal-Għaqda Mużikali Mount Karmel sabiex jiżdied marċ

ieħor matul il-ġimgħa tal-Festa. Iż-żewġ entitajiet laħqu ftehim li bih il-marċ tal-Ħamis jibda jitħallas mill-Kumitat Festi Esterni filwaqt illi L-Banda Mount Carmel tħallas hi l-spejjeż tal-marċijiet tal-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd. Fatt kurjuż illi ġie rrakontat huwa marbut mal-festa tas-sena 1985. Żgur li l-festa tas-sena 1984 ser tibqa' mfakkra għall-ammont kbir ta' logħob tan-nar ta' l-art imtella' f'lejliet il-Festa. Dan seħħ għax l-Għaqda tan-Nar ta' l-Imqabba, li fl-imgħoddi kienet tisuplixxi lill-Kumitat tal-Festa bil-logħob tan-nar, kienet għaddejja minn żmien ta' diżgwit u ma kinitx ħarqet il-logħob tan-nar kif kien pjanat għal-festa tal-lokal tagħha. Jingħad illi lejliet il-Festa ta' dik is-sena, x-Xatt, il-Pont u d-daħla ta' Manoel Island kienu mimlija b'armar ta' giġġifogu li offrew spettaklu ta' logħob tan-nar mill-isbaħ fil-Gżira.



Ir-rwol kif ukoll ir-responsabiltajiet tal-Kumitat tal-Festa inbidlu taħt id-diversi Kappillani illi mexxew il-ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna. Bidla notevoli seħħet mal-miġja tal-Kappillan, il-Kanoniku Dun Vinċenż Cachia. Dan żied ir-responsabiltajiet tal-Kumitat b'tali mod illi l-Kumitat tal-Festa daħal responsabbli għal-ispejjeż kollha relatati mal-Festi Esterni. Dawn jinkludu l-ħlas tal-banda tal-Ħamis u ż-żewġ baned mistiedna biex jakkompnjaw il-Purċisjjoni bil-vara tal-Madonna, spejjeż tal-kiri u armar tad-dwal fit-toroq, il-logħob tan-nar ta' lejliet il-festa, insurances, ix-xiri t'armar ġdid għat-toroq, kif ukoll dak kollou illi għandu x'jaqsam mal-festi ta' barra. Nistqarr illi l-piż fuq il-membri tal-Kumitat żdied b'mod sostanzjali mil-lejl għan-nhar. Dun Vinċenż Cachia għandu jingħata l-mertu talli xpruna lill-membri tal-Kumitat sabiex b'ħilithom itellgħu diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi illi kienu jiġu organizzati fl-imgħoddi iżda li nqatgħu mal-medda taż-żmien. Fost dawn l'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi il-Kumitat sar jorganozza diversi ikliet u lotteriji ta' kull xahar tul is-sena kollha, filwaqt illi l-ġbir tal-envelopes beda jsir darbtejn fis-sena, fix-xhur ta' Diċembru u Ġunju.

Il-Kappillan Dun Karm Tanti mexa fuq il-passi tal-predeċessur tiegħu. Fil-preżent il-Kumitat tal-Festa għadu jassumi l-istess responsabiltajiet. Dan ifesser li spejjeż relatati mal-armar u festi esterni illi huma organizzati mill-knisja jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Kumitat Festi Esterni. Dun Karm Tanti huwa bniedem viżjunarju u jara fit-tul. Jemmen fil-ħiliet ta' kull individwu membru fil-Kumitat u japprezza l-fatt li x-xogħol minn dawn il-membri huwa fuq bażi volontarja. Il-Kumitat taħt Dun Karm Tanti żgur ser jibqa' mfakkar għall-investiment li għamel ftit tas-snin ilu meta xtara l'armar tad-dawl kollu għall-parroċċa tal-Gżira. Dan fl-antik kien jinkera mingħand kuntrattur privat. Kien qed jiswa lill-Kumitat somma ta' flus esorbitanti li sa fl-aħħar il-Kumitat deherlu li l-ispiża biex jinkera l-armar tad-dawl ma kenitx aktar sostenibbli. Illum il-kumitat jiftaħar li għandu l-armar tad-dawl tiegħu, pass ferm għaqli fejn sar investiment għat-tul. Aspett tal-festa illi m'għadux responsabbilta' tal-Kumitat tal-Festa huwa l-logħob tan-nar kollu li

jinħaraq fil-ġimgħa tal-Festa. Mis-sena 2009, il-Kummissjoni Nar mwaqqfa fi ħdan l-'Għaqda Mużikali Mount Carmel refgħet din ir-responsabbilta'. Bil-ħidma ta' din il-kummissjoni, il-logħob tan-nar żdied u tjieb fil-kwalita'.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi l-ewwel nett nagħti ġieħ lill-membri li ffurmaw l-ewwel Kumitat tal-Festa. Lilhom inrodd ħajr l-ewwel talli laqgħu s-sejħa tal-Kappillan, il-Kanoniku Ġużepp Theuma biex jifformaw il-Kumitat tal-Festa u jimpenjaw ruħhom ħa jkabbru il-Festi għad-Unur il-Patruna tagħna. Ħajr ukoll imur għal-predeċċessuri tagħna kollha li matul dawn l-erbgħin sena ħadmu għall-ġid ta' dan il-Kumitat. Iżda l-akar ringrazzjament, mingħjar ebda dubju, għandu jmur lejn il-kappillani li ġew fdati bit-tmexxija pastorali tal-Parroċċa tal-Gżira sa mit-twelid tagħha. Għalkemm kull Kappillan ħadem f'ċirkustanzi diversi li sabet ruħha l-Parroċċa tagħna minn żmien għal żmien, konvint li kull Kappillan bil-mod uniku tiegħu, ħadem għall-aħjar ġid tal-Parroċċa u ħalla marka fuq l-istorja tal-Parroċċa tagħna.

Nerġa ntenni li l-iskop ta' din il-kitba ma kienx sabiex nagħti xi lista kronoloġika tal-grajjiet li seħħew fil-Kumitat tal-Festa tul dawn l-aħħar erbgħin sena. Xtaqt biss niftaħ tieqa fuq l-ħidma u l-operat tal-Kumitat tal-Festa u tibdiliet li seħħew fi ħdanu sa mit-twaqqif tiegħu. Dan stajt nagħmlu bl-għajnuna tas-sur Charles Spiteri u ta' ibnu s-Sur Joseph Spiteri, li wrew id-disponibilta' tagħhom sabiex jaqsmu miegħi l-esperjenza tagħhom fil-kumitat Festi Esterni.

Maypole
since 1900

We bake the traditional way!

Qormi | Fgura | Iklin
Żabbar | Buġibba | Ħamrun
Safi | Swatar | Attard

www.maypole.com.mt tel: 22 581 581

IL-KAPPILLAN U L-KLERU

*flimkien*

mal-KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI

*jawguraw il-festa t-tajba mimlija hena, paċi u għaqda kif il-Madonna taf tagħti lil dawk kollha li jħobbuha, lill-Komunita' kollha tal-Gżira*